# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI

## IMHALLEF

## ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.

Rikors Numru: 624/97

Joseph Briffa

vs

Chairman, Telemalta u b' digriet tad-19 ta' Gunju 1999 giet korretta ghal Maltacom p.l.c.

Illum 21 ta' Marzu, 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta tal-1987 u 1993 huwa sofra ngustizzja meta gie trasferit ingustament u soggettat ghal umiljazzjoni billi sofra eskluz.

Illi l-fatti tal-kaz fil-qosor kienu kif gej:

Illi r-rikorrent kien fl-ingagg tat-Telemalta bhala Chief Technical Officer u kien il-mohh wara diversi sistemi tat-telekommunikazzjoni u

kiteb diversi kotba dwar is-suggett li servew ta' bazi ghal ghadd ta' studenti.

Illi kif sehhet il-bidla fl-Amministrazzjoni fis-sena 1987, huwa beda jigi eskluz, injorat u maqbuz f' kull attivita` konnessa max-xoghol u l-posizzjoni tieghu.

Illi fis-sena 1990 r-rikorrent gie trasferit ghal area li ma kellha xejn x' taqsam max-xoghol tieghu b'mod illi gie kostrett li jew jaghmel xoghol li ma kienx la kompetenza tieghu u anqas relatat jew irid jara kif ser jghaddi s-sieghat jiccassa bil-konsegwenza li dahal f' depression.

Illi f'dan l-istess perjodu r-rikorrent gie soggettat ghal tortura psikologika u umiljanti u dan billi gie mgieghel jizmantella u jnehhi x-xoghol li bena huwa stess u dan kif jigi spjegat f'aktar dettal waqt it-trattazzjoni ta' dan il-kaz.

Illi kawza ta' dan it-trasferiment huwa gie mtellef kull opportunita` li javanza aktar fil-karriera tieghu.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent, filwaqt li ghamel referenza ghall-fuq espost u jirreserva illi jressaq dawk il-provi l-ohra kollha li jistghu jkunu necessarji u opportuni, talab lil dan it-Tribunal jghogbu jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' 1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u jinghata rimedju billi jigi (1)

dikjarat illi fil-konfront tar-rikorrent giet kommessa ngustizzja meta gie trasferit (2) jigi moghti kumpens ta' hamest elef lira Maltija (Lm5000) sabiex jaghmlu tajjeb ghall-ingustizzja hekk sofferta.

Ra l-lista tax-xhieda prezentata mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-intimat li eccepixxa:

1. Illi l-korporazzjoni cahdet li ghamlet xi ingustizzja fit-termini ta' l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji b'rizultat ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita mar-rikorrent.

2. Illi dwar it-transfer li qed jilmenta minnu r-rikorrent ma saret ebda distinzjoni jew preferenza indebita mieghu li tikkwalifika bhala ingustizzja fit-termini tal-ligi. It-trasferimenti fil-korporazzjoni jsiru regolarment ghal ragunijiet ta' xoghol u skond l-esigenzi u fl-ahjar interess tal-korporazzjoni.

3. Ghaldaqstant il-korporazzjoni talbet li dan it-Tribunal joghgbu jichad it-talba tar-rikorrent. Bl-ispejjez kontra tieghu.

Ra l-lista tax-xhieda tal-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi r-rikorrentypprezenta affidavit fejn semma li dwar it-trasferiment mill-external telecommunications department fejn kien jokkupa l-kariga ta' Chief Technical Officer u delegat bir-responsabbilita ta' Kap tas-Sezzjoni tar-Radju u Deputy tal-head External Telecommunications fl-ghodwa tac-celebrazzjonijiet tar-rebha elettorali ta' Mejju 1987 ghall-habta ta' l-ghaxra, waqaf trakk b'partitarji Nazzjonalisti quddiem ix-xatba ta' l-Ufficju Telegrafiku ta' San Gorg u kienu telghin biex isibuh u jwaddbuh ghal isfel. Siegha wara l-incident marru nies b' kariga inqas minn tieghu u qalulu "Qed nordnawlkom tmorru lejn id-dar"…. "Ghall-gid taghkom". Kellhom jitilqu 'l barra sfurzati minn din it-theddida. L-ghada filghodu fl-Ufficcju fil-Marsa kien hemm laqgha fejn hafna minn nies kienu qieghedin jiddeciedu dwar it-trasferimenti ta' hafna haddiema izda ma kienx hemm persuna wahda tirraprezenta lill-Management. Rega' gie mibghut lura l-ufficcju tieghu. Mill-ghada stess inqata' ghal kollox il-kuntatt bejnu u bejn il-kapijiet ta' l-istazzjonijiet diversi minn fejn ta' kuljum kien jircievi rapporti ta' dak li jkun qed jigri. Hallewh responsabbli biss mill-Aerial Riggers. Sostna li darba sema' lis-Sur Herbert Warrington jghid b' vuci gholi filwaqt li jitmashan "Ghid lill-Ministru li jekk iridna mmexxu ahna, irid iwarrbilna lil Joe Briffa minn ma' saqajna." Saru diversi tentattivi minn ufficjali gholja halli jhajjruh li volontarjament jigi trasferit. Sadattant f'Settembru 1988 gie mgharraf mill-HETC is-Sur A.V. Rizzo li kien tnehha mill-kariga ta' Restoration Liaison Officer fil-Working Group G.R.A.E. (European Telecommunications Arteries Restoration Group)

tas-C.E.P.T. Kien ilu jokkupa din il-kariga mill-1983. Fl-ittra li kien baghtlu s-Sur Rizzo kien gharrfu li l-Korporazzjoni kienet iddecidiet li tahtar lill-Eng. M. Farrugia bhala rapprezentat fuq il-Working Group. Ukoll izolawh mix-xoghol kollu. Hu waqa' f' depressjoni qawwija u t-tabib ordnalu ma jmurx ghax-xoghol sakemm jigi f' tieghu. Wara bidlulu anke l-ufficcju u tpogga ma' nies ohra li wkoll ma tantx kellhom xoghol. Ma tawh jaghmel ebda xoghol u kien jghaddi l-hin jew jaqra jew ipingi. Fit-18 ta' Jannar 1990 rcieva ittra minghand is-Sur R. Azzopardi Caffari sabiex jgharrfu li kienu se jaghtuh transfer ghal mal-Internal Telecommunications Department. Hu ma accettax dan it-transfer u ghalhekk talab l-intervent tal-GWU. Saret laqgha u fiha s-Sur Muscat Head of Telecomms stqarr li ma kien hemm ebda charge kontra r-rikorrent. Ix-xoghol li kien gie mqabbad wara, fil-fehma tar-rikorrent kien tpattija ta' kemm hadem qabel. Il-bicca xoghol li assenjawlu biex jipprepara specifikazzjonijiet tal-apparat kollu tal-exchanges kienet manuvra mahduma bizzilla biex jehilsu minnu u jfarrkuh. Kien target number 1 f' kampanja ta' mis-informazzjoni biex tfarrku. F' nofs is-sena 1990 ittrasferewh f' ufficju l-Marsa. Hbieb tieghu kienu qalulu li dan l-ufficju li tassew kien zghir fl-imghoddi kien jintuza bhala latrina. Ma tawh ebda xoghol x' jaghmel. Ghall-habta tal-1991 regghu bidlulu l-ufficcju u baghatuh l-exchange il-gdid ta' Haz-Zebbug. F'nofs Marzu 1992 kellmu s-Sur S. Portelli li kien tal-istess livell tieghu fil-grad u kien hajjru jiehu xoghol li propju ma kienx fil-linja tieghu izda xorta accettah biex jevita l-inkwiet. Esebixxa kwantita` kbira ta' certifikati li hu kien akkwista kif ukoll referenzi tajbin mahrugin fuqu.

Dr. Gino Abela li jahdem bhala General Practitioner semma li r-rikorrent kien pazjent tieghu ghal madwar 20 sena. Qal li ghall-habta ta' l-1989 kien mar ghandu ghax kien qed isofri minn sintomi ta'

depressjoni. Kellu reactive depression relatata max-xoghol tieghu. Il-kundizzjoni li kellu r-rikorrent kienet baqghet sejra lura. Fil-fatt irreferieh ukoll ghand il-psikjatra u ppreskrivielu l-anti deppressants. Kellu sintomi ta' dipressjoni li jibda jibza min nies u ma setax jorqod u anke jhoss li l-familja mhix tghinu bizzejjed.

Frank St John Senior Principal Acting Head Office Management xehed li ghall-habta tal-1987 kien jahdem mat-Telemlata mal-General Manager. Ir-rikorrent dak iz-zmien kien fil-grad ta' Head Technical li hu grad gholi fit-Telemalta. Il-grad tieghu dak iz-zmien fl-1987 kien inqas minn tas-Sur Briffa. Qabel l-1987 ir-rikorrent kien Head tat-Transmission u kien imexxi t-transmissions kollha. Xehed li minn naha tal-management fejn kien jahdem hu qatt ma sema' li kien hemm xi complaint rigward tas-Sur Briffa. Fl-1987 inbidlet l-amministrazzjoni u kienu marru xi nies jghajjruhom inkluz lilu personali u dan fil-Marsa l-Head Office. Lilu ttrasferewh u kien hemm hafna affarijiet strambi jigru fit-Telemalta. Spicca fl-istess ufficcju mar-rikorrent f' Mercury House. Joe Briffa hemmhekk ma gie moghti l-ebda xoghol. Ir-rikorrent minn Head imexxi n-nies spicca ma jaghmel xejn ghax ma kellu ebda funzjoni.

Lino Debono Segretarju fit-Taqsima Parastatali tal-GWU li kellu x' jaqsam mat-Telemalta xehed li r-rikorrent huwa membru tal-GWU u dak iz-zmien kien jahdem fl-external division f'tas-Sliema. Semma li r-rikorrent ma baqax jaghmel l-istess tip ta' xoghol li kien jaghmel qabel. Hu kien attenda laqgha mal-kap tar-rikorrent dwar it-trasferiment tieghu. Il-hlas tar-rikorrent ma kienx gie effettwat bhala paga bit-transfer.

David Buttigieg rapprezentant tal-Maltacom esebixxa dokument li juri l-funzjonijiet godda tar-rikorrent wara li nghata t-transfer. Bhala rizultat tat-trasferiment ir-rikorrent ma sofriex danni fil-paga jew fl-allowances. Semma li mill-file ma tirrizultax ir-raguni ghat-transfer tar-rikorrent.

**KONKLUZJONIJIET:**

Dan it-Tribunal gja kellu l-okkazjoni li jittratta fuq transfers u esigenzi tas-servizz. Fil-kawza "Godwin Pulis vs Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim' Ministru et" deciza fit-23 ta' Marzu, 1999 it-Tribunal qal:

"Meta jsiru domandi lil min ikun responsabbli ghat-transfers it-Tribunal jisma' dejjem li fil-kuntratt tax-xoghol hemm stipulat li dan jista' jsir skond l-esigenzi tas-servizz, kif ukoll li ma hemm ebda ligi li tghidlek li dan irid ikun bil-miktub u li jinghatw r-ragunijiet ghalih. Veru li sfortunatament ma hemmx ligi f'dan ir-rigward, izda f'dan is-seklu ghalkemm il-haddiema ghandhom hafna aktar doveri milli xi whud minnhom jifmu, fl-istess hin hemm id-dover sakrosant li ghandhom jigu stmati bl-ahjar mod possibli. Il-kliem esigenzi tas-servizz mhix xi lokuzzjoni frivola li wiehed jghaddiha bhala passatemp – infatti l-esigenzi tas-servizz iridu veru jirrekjedu hekk. Is-serjeta' titlob ukoll li transfer ikun hemm raguni valida ghalih, u ferm desiderabbli li jinghata bil-miktub jekk kollox hu "above board".

Is-socjeta` intimata fil-kaz in ezami ma tat ebda raguni ghaliex sar it-transfer. Ir-rikorrent kien jokkupa pozizzjoni gholja mat-Telemalta u minghajr ma nghata raguni valida gie trasferit ghal diversi sezzjonijiet fi

zmien relattivament qasir u dan minghajr gustifikazzjoni. Ir-rikorrent sostna li l-unika raguni ta' dan kienet motivi politici, haga li t-Tribunal certament ma jistax jaccetta bhala raguni valida. Ghalkemm kull amministrazzjoni ghandha dritt biex tmexxi kif jidrilha hi a tenur tal-ligi tista' taghzel dawk in-nies li l-aktar li ghandha fiducja fihom, minn naha l-ohra dan ma jintitolax trasferimenti ingustifikati minghajr raguni valida. Fil-kaz in ezami s-socjeta` intimata mkien ma tat raguni valida ghat-trasferiment tar-rikorrent.

Ghal dawn il-motivi jichad l-eccezzjoni tal-intimat u peress li l-ilment jidher gustifikat, u peress li ma jistax f'dan il-kaz jordna rimedju kompensattiv, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta' kumpens ta' tlett elef lira [LM3000].

Spejjez kontra s-socjeta` intimata.